# Ix-Xogħol Irreġistrat: Awwissu 2024

NR 011/2025 Data tal-Ħruġ: 21 ta' Jannar 2025

*F'Awwissu 2024, l-impjiegi full-time żdiedu b'4.6 fil-mija, filwaqt li dawk part-time bħala impjieg ewlieni żdiedu b'5.5 fil-mija meta mqabblin ma' Awwissu ta' sena qabel.*




Tagħrif amministrattiv mogħti minn Jobsplus juri li, fi żmien sena, il-provvista tal-ħaddiema (esklużi l-part-timers) żdiedet b'4.7 fil-mija biex laħqet 289,168 (ara nota nru 5 fil-metodoloġija). Dan kien ġej l-aktar minn żieda, sena għal sena, fl-impjiegi rreġistrati full-time (12,710) u żieda fil-qgħad irreġistrat (164) (Tabella nru 1).

### Ix-Xogħol Full-Time Rreġistrat

F'Awwissu 2024, l-Attivitajiet ta' servizz tal-akkomodazzjoni u tal-ikel (NACE 55-56, 2,222) u l-Kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut; tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi (NACE 45-47, 1,872) kienu l-aktar żewġ oqsma li wasslu għaż-żieda fix-xogħol full-time, meta mqabblin ma' Awwissu 2023 (Tabella nru 1). Ix-xogħol full-time rreġistrat fis-settur privat tela' bi 11,540 persuna għal 235,485. L-impjiegi fis-settur pubbliku żdiedu b'1,170 għal 52,545 (Tabella nru 2).

L-għadd ta' nies irreġistrati li jaħdmu għal rashom full-time tela' b'773 meta mqabbel ma' Awwissu 2023, mentri l-għadd ta' persuni rreġistrati bħala impjegati żdiedu bi 11,937. L-irġiel li jaħdmu full-time żdiedu b'4.3 fil-mija, filwaqt li n-nisa żdiedu b'5.1 fil-mija, fuq is-sena ta' qabel (Tabella nru 2).

### Ix-Xogħol Part-Time Rreġistrat

F'Awwissu 2024, l-impjiegi rreġistrati bħala part-time żdiedu b'7.4 fil-mija meta mqabblin mal-istess xahar tal-2023. L-oqsma li l-aktar wasslu għal din iż-żieda kienu l-Attivitajiet ta' servizz tal-akkomodazzjoni u tal-ikel (NACE 55-56, 756) u l-Attivitajiet ta' servizz amministrattiv u ta' sostenn (NACE 77-82, 688) (Tabella nru 3).

L-għadd ta' nies li kellhom kemm impjieg part-time kif ukoll ieħor full-time laħqu l-44,837, żieda ta' 9.0 fil-mija meta mqabbel mal-istess xahar fl-2023. Il-persuni li kellhom biss impjieg part-time kienu jammontaw għal 37,785, żieda ta' 5.5 fil-mija meta mqabblin mal-istess xahar fl-2023 (Tabella nru 4).

## Ċart nru 1. Persuni rreġistrati b'impjieg full-time jew part-time bħala impjieg ewlieni, bix-xahar

